MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 958/2014

**Francis Cassar**

**vs**

**John Baptist Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-31 ta’ Ottubru 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti kien ghadda l-ammont ta' ghaxar t'elef ewro (€10,000) bhala depozitu akkont tal-prezz lill-intimat sabiex dan tal-ahhar ilesti u jaghddilu a spejjez tieghu aluminium u stainless steel minn gewwa, 4 tubi tad-dawl bil-covers, 2 sinkijiet bil-mixers, kaxxa fejn

jinhaslu l-idejn u fejn jinzamm is-sapun, geezer u pompa, tinda hydraulic tal-aluminium, display, tapit ta' gewwa iswed, zewg gradilji, 4 fryers tac-chips, freezer kbira, freezer zghira, gas cooker b'erbgha burners, hood, pumi mal-bibien ta' gewwa, dawra tal-vann bil-perspex, microwave, kabina kundizzjoni tajba u spraying fuq barra tat-trakk kulur orangjo.

2. Illi dawn ix-xogholijiet flimkien mal-konsenja tat-trakk tat-tip Ford Iveco kaxxa ta’ tlieta u ghoxrin (23) pied kellha ssir lill-esponenti sas-sbatax (17) ta' Mejju 2014 u li fin-nuqqas li dawn ix-xogholijiet kollha flimkien mal-konsenja ma jkunux lesti sas-17 ta' Mejju 2014, kif inghad, it-terminu ghall-hlas tax-xerrejj, cioe, il-wiehed u tletin ta' Dicembru elfejn u erbatax jigi estiz b'numru ta' granet ugwali ghall-dawk li jkun ha l-venditur biex ilesti x-xoghol, u dan fost kundizzjonijiet ohra kif jirrizulta ahjar mill-kopja tal-iskrittura datata l-ewwel t'April elfejn u erbatax, kopja hawn mhemuza u mmarkata bhala dok. FC 1;

3. Illi nonstante illi ddekorrew aktar minn hames (5) xhur mid-data tas-sbatax (17) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014), illi fiha l-intimat kien obbliga ruhu illi jlesti a spejjez tieghu ix-xogholijiet aktar 'il fuq indikati flimkien mal-konsenja tal-vettura tat-tip Ford Iveco, huwa ghadu inadempjenti, u dan nonostante li gie debitament mitlub sabiex jaghmel dan verbalment u anke b'mod ufficjali;

4. Illi b'konsegwenza ta' dan id-dewmien li ghalih jahti biss l-intimat, l-esponenti sofra spejjez inutili, konsistenti fl-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (1,800 ewro) konsegwenza ta' kiri ta' vettura simili sabiex seta’ jopera bejn Mejju u Lulju 2014;

5. Illi permezz ta' ittra ufficjali nru. 3324/14 ta’ 22 Ottubru 2014 dok. FC 3, l-intimat gie debitament infurmat illi fin-nuqqas ta' konsenja tal-imsemmi trakk kif debitament konvertit, ir-rikorrenti kien qieghed jittermina ai fini u effetti kollha tal-ligi l-inkarigu lilu moghti u sabiex jirrifondieh l-ammont ta' ghaxar t'elef ewro (10,000) lilu mghoddi bhala depozitu akkont u ghal-liema raguni kien qieghed iqis lilhu nnifsu mahlul minn kull obligazzjoni naxxenti mill-skrittura tal-ewwel (1) t'April elfejn u erbatax (2014);

6. Illi nonostante l-fatt illi l-intimat gie diversi drabi mitlub jirrifondi l-ammont tad-depozitu lilu mghoddi flimkien ma' dak l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (1,800) raprezentanti spejjez inkorsi l-intimat baqa inadempjenti;

7. Illi l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili huma sodisfatti, u l-istanti qieghed jannetti ma' dan l-att affidavit immarkat dok. FC 2, a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

8. Illi r-rikorrenti jikkonferma u jiddikjara illi safejn jaf hu l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni li jista’ jaghti kontra t-talbiet li qed isiru permezz ta' dan ir-rikors guramentat;

9. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili;

10. Illi fil-fehma tal-esponenti il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-esponenti u hemm lok li din il-kawza ssir bil-procediment sommarju specjali kontemplat fl-artikolu 167 tal-Kap. 12.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna lill-intimati biex jidhru quddiem il-Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Onorabbli Qorti.

2. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispenza ghas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-esponenti s-somma ta hdax-il elf u tmien mitt ewro (11,800) raprezentanti kwantu ghal ghaxar t'elef ewro (10,000) flus mghoddija lill-intimat in konnessjoni max-xogholijiet li hu kellu jaghmel fuq il-vettura tat-tip Ford Iveco mertu tal-iskrittura tal-ewwel (1) t'April elfejn u erbatax u kwantu ghal-elf u tmien mija raprezentanti spejjez inkorsi sabiex l-esponenti seta' jahdem bejn Mejju u Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) in vista ta' nuqqas ta’ konsenja da parti tal-intimat kif minnhu obbligat permezz tal-iskrittura sovra indikata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, l-Ittra Ufficjali ta' Ottubru 2014 u l-Mandat ta' Qbid numru 1678/14 kif ukoll bl-interessi legali skont il-ligi mil-ewwel t'April 2014 kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta’ Novembru 2014 fejn irriduca l-ammont tat-talba tieghu ghal €10,000;

Rat in-nota tal-konvenut John Baptist fejn jammetti t-talba attrici kif ridotta ghal €10,000;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza wara l-verbal li sar mill-partijiet fejn talbu li t-terminu ghal hlas ikun ta' xahrejn bla imghax u fin-nuqqas jibda jiddekorri l-imghax.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lil attur l-ammont ta' ghaxar t'elef euro (€10,000) u dan entro xahrejn millum. Ma jiddekorri ebda imghax f'dan il-perjodu pero jekk il-hlas ma jsirx entro t-terminu prefiss jibda jiddekorri l-imghax kummercjali mid-data ta' din is-sentenza fuq l-ammont dovut. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------